# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 98/2016**

Il-Pulizija

vs

**Marion Vella**

detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 330076(M)

Illum, 27 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Marion Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli talli fil-25 u 26 ta' Lulju 2015 u fil-5 ta' Awissu 2015 gewwa Haz-Zabbar irrifjutajt li taghti access lill-wild taht il-kustodja tieghek lil Charles Gatt hekk kif ordnat mill-qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(ll), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u ikkundannata ghal gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanta Marion Vella ipprezentat fid-29 ta’ Frar, 2016 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appallanta minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

a. Illi l-partijiet ma kellhomx kuntratt bejniethom izda skrittura privata u ghalhekk ma kienx hemm ordni tal-Qorti.

b. Illi l-iskrittura li giet ezebita mill-kwerelant mhix awtentikata u ghalhekk tali prova ma saritx skont il-ligi.

c. Illi bla pregudizzju ghal premess, uhud minn tali kontravenzjonijiet huma preskritti.

d. Illi hija kellha raguni valida li tirrikjedi l-ligi ghaliex ma tibghatx lil binha li ghandu 10 snin jorqod fl-istess sodda u fin-nofs bejn missieru u l-partner tieghu fi stat avvanzat tat-tqala, li jhallih wahdu maghha biex huwa jmur ghax-xoghol u jhallih bil-guh tant li wara dawn l-incidenti hija kellha tghid lill-avukat taghha li tablet laqgha mal-partijiet u mal-avukat tieghu sabiex dawn il-problemi jigu indirizzati kif fil-fatt sar. Jigi rilevat li l-kwerelant jghix fl-ufficju tieghu fejn ghamel kamra tas-sodda wahda li kien iraqqad it-tifel maghhom fl-istess sodda maghhom.

*e.* Illi anke kieku din l-Qorti kellha tikkonferma l-htija tal-esponenti appellant, l-piena hija harxa wisq tenut kont li hija ghandha fedina penali nadifa, li hija ghalliema tal-iskola primarja fejn imur it-tifel u tista titlef x-xoghol taghha li huwa l-uniku fonti ta’ flus biex tghajjex lil binha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2018 l-appellant irtirat l-appell dwar il-htija izda zammet ferm l-aggravju dwar il-piena.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-piena nflitta hi wahda ezagerata.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu. Tilqa l-appell ta' Marion Vella dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellanta taht il-kondizzjonijiet ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.